# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru 2024**

**Rikors Numru 469/2024 FDP**

Fl-ismijiet

**Dr. Tyrone Grech [K.I.40494M] u Dr. Antoine Naudi[K.I. 448570M|**
**bħala mandatarji speċjali tal-kumpanija estera**
**Greatboxx PTE. Ltd**
**Numru ta' reġistrazzjoni 201927337E]**

**Vs**

**BHC Limited [C-63989]**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 30 ta' April 2024, li permezz tiegħu l-mandatarji speċjali, bil-ġurament ta' Dr Tyrone Grech, talbu s-segwenti:

   1. *Illi skont id-deskrizzjoni fuq is-sit https://shipping-container-sales.com/il-kumpanija intimata hija: "a global container trading and logistics company based in Malta";*

   2. *Illi l-kumpanija rikorrenti biegħet għaxar (10) "containers" industrijali vojta lill-kumpanija intimata fuq ordnijiet tagħha stess kif jirriżulta mill-annessi fatturi mmarkati DOK RIK001 u DOK RIK002 it-tnejn datati 23 ta' Frar 2022;*

   3. *Illi sa llum, il-kumpanija intimata ħallset biss is-somma ta' tlett elef u erba' mitt Dollaru Amerikan (USD3,400) lill-kumpanija rikorrenti kif jirriżulta mill-estratt bankarju tal-pagament effettwat fit-23 ta' Marzu 2022 [DOK RIK 003);*

4. *Illi t-total ta' dawn il-kontijiet pendenti huwa ta' tletin elf u sitt mitt Dollaru Amerikan (USD30,600) ekwivalenti għas-somma ta' tmienja u għoxrin elf, ħames mija erbgħa u erbgħin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€28,544.78) skont ir-rata ta' skambju fid-data tad-29 ta' April 2024 (ara kopji awtentikati ta' estratti meħudin minn fuq is-siti uffiċjali tal-Bank Ċentrali ta' Malta u tal-Bank Ċentrali Ewropew annessi u entrambi mmarkati 'DOK RIK004');*

5. *Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet, inkluż permezz ta' ittra legali mibgħuta fis-16 ta' Diċembru 2023, annessa u mmarkata bħala DOK RIK 005, u email sussegwenti datata 18 ta' Diċembru 2023 [DOK RIK 006] il-kumpanija intimata baqgħet inadempjenti u dan l-ammont għadu dovut sad-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors maħluf;*

6. *Illi għalhekk kellhom jinfetħu dawn il-proċeduri:*

7. *Illi r-rikorrent jaf personalment bil-fatti hawn dikjarati li qed jiġu minnu konfermati bil-ġurament;*

8. *Illi l-ammont imsemmi ta' tletin elf u sitt mitt Dollaru Amerikan (USD30,600) ekwivalenti għas-somma ta' tmienja u għoxrin elf, ħames mija erbgħa u erbgħin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€28,544.78) skont ir-rata ta' skambju fid-data tad-29 ta' April 2024 huwa dejn ċert, likwidu u dovut, u li ma jikkonsistix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt u għalhekk fil-fehma tar-rikorrent jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 el sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ u skond proċeduri speċjali sommarji kif stabbiliti fil-liġi, billi fl-umli fehma tal-istess kumpanija rikorrenti, il-kumpanija intimata m'għandha ebda eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'tagħti għall-azzjoni u għat-talbiet tar-rikorrent.*

*Għaldaqstant, premess is-suespost, il-kumpanija rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti, prevja li tagħti l-provvedimenti kollha opportuni, jogħġobha:*

1. *Tiddispensa mis-smiegħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 et sequitur Tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tiddeċiedi din il-kawża skond proċedura speċjali sommarja;*

2. *Tiddikjara li 1-kumpanija intimata hija vera, ċerta u likwida debitriċi tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' tletin elf u sitt mitt Dollaru Amerikan (USD30,600) ekwivalenti għas-somma ta' tmienja u għorin elf, ħames mija erbgħa u erbgħin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu ( € 28,544.78) skont ir-rata ta' skambju fid-data tad-29 ta' April 2024 flimkien mal-imgħax bir-rata legali ta 8% fis-sena mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-ħlas effettiv tal-ammont dovut;*

3. *Tikkundanna lill-kumpanija intimata sabiex tħallas lill-kumpanija rikorrenti l-imsemmija somma ta' tletin elf u sitt mitt Dollaru Amerikan (USD30,600) ekwivalenti għas-somma ta' tmienja u għoxrin elf, ħames*

*mija erbgħa u erbgħin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€ 28,544.78) skont ir-rata ta' skambju fid-data tad-29 ta' April 2024.*

*Bl-ispejjeż kollha, inklużi l-ispejjeż tal-ittra legali mibgħuta fis-16 ta' Diċembru 2023, u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju illi qed jiġi ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors u bl-inġunzjoni tal-kumpanija intimata minn issa in subizzjoni.*

*Il-kumpanija intimata kif debitament rappreżentata qiegħda minn issa tiġi ordnata biex tidher quddiem din l-Onorabbli Qorti fil-jum u l-ħin li jiġu mogħtija minnha, u dan ai termini tal-Artikolu 167(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. Rat illi fis-7 ta' Mejju 2024 il-kawża ġiet appuntata għall-4 ta' Ġunju 2024 fl-10.00am.

3. Rat illi fl-4 ta' Ġunju 2024, is-soċjeta' intimata ma kinetx notifikata, w għalhekk il-Qorti ordnat in-notifika wara il-ħinijet legali u, f'każ ta' eżitu negattiv, bil-pubblikazzjoni u affissjoni.

4. Rat illi saret in-notifika bl-affissjoni ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan, il-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan w l-indirizz tas-soċjeta' BHC Limited, ossija Apartment 4, Kyle, 135, Mediterranean Street, St. Julians STJ 1870 fis-26 ta' Lulju 2024 kif ukoll fis-6 ta' Awissu 2024. (fol 27 tergo)

5. Rat illi saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fid-9 ta' Awissu 2024 (fol 28 u fol 67) kif ukoll fil-gazzetta lokali L-Orizzont tad-19 ta' Settembru 2024. (fol 68)

6. Rat illi fit-23 ta' Settembru 2024, il-kawża ġiet differita għar-risposta tas-soċjeta' intimata peress illi kien għadu għaddej it-terminu stabbilit fil-Liġi.

7. Rat illi fit-22 ta' Ottubru 2024, is-soċjeta' intimata w/jew xi rappreżentant tagħha ma deherx.

8. Rat illi fit-22 ta' Ottubru 2024, il-Mandatarju Dr Tyrone Grech iddikjara illi l-ammont kien għadu dovut u li għalhekk il-Qorti setgħet, a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap 12, tiddeċiedi l-kawża odjerna bil-proċedura speċjali sommarja.

9. Rat illi għalhekk il-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

10. Rat illi l-Qorti ma għandha ebda raġuni għaliex ma tilqax t-talbiet tal-Mandatarji Speċjali rikorrenti.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti tal-kawża;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiddikjara** li l-kumpanija intimata BHC Limited hija vera, ċerta u likwida debitriċi tal-kumpanija rikorrenti, rappreżentati mill-mandatarji speċjali, fis-somma ta' tletin elf u sitt mitt Dollaru Amerikan (USD30,600) ekwivalenti għas-somma ta’ tmienja u għoxrin elf, ħames mija erbgħa u erbgħin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€ 28,544.78) skont ir-rata ta' skambju fid-data tad-29 ta' April 2024;

**Tikkundanna** lill-kumpanija intimata BHC Limited sabiex tħallas lill-kumpanija rikorrenti, rappreżentati mill-mandatarji speċjali, l-imsemmija somma ta’ tletin elf u sitt mitt Dollaru Amerikan (USD30,600) ekwivalenti għas-somma ta' tmienja u għoxrin elf, ħames mija erbgħa u erbgħin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€ 28,544.78) skont ir-rata ta' skambju fid-data tad-29 ta' April 2024.

Bl-imgħax bir-rata legali ta’ 8% fis-sena mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-ħlas effettiv tal-ammont dovut.

Bl-ispejjeż kollha, inklużi l-ispejjeż tal-ittra legali mibgħuta fis-16 ta' Diċembru 2023, u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju illi ġie ppreżentat kontestwalment, a kariku tas-soċjeta' intimata.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**